

32005D0128

15.2.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 43/27

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-14 ta' Frar 2005

tagħti lill-Italja deroga parzjali dwar it-tressiq tad-*data* dwar il-prodotti tas-sajd li jittellgħu l-art fl-Istati Membri

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 322)

(It-Test Taljan biss huwa awtentiku)

(2005/128/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 tal-21 ta' Mejju 1991 dwar l-għoti tad-*data* dwar it-tluġh l-art tal-prodotti tas-sajd fl-Istati Membri⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) u (5) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-ġabra tad-*data* dwar it-tluġh l-art tal-prodotti tas-sajd mill-bastimenti tal-kosta Taljana kif stabbilit fir-Regolament (KEE) Nru 1382/91 timponi ħafna xogħol fuq l-awtoritajiet nazzjonali.
- (2) L-użu iktar frekwenti tat-teknika ta' l-ikkampjunar għandu jnaqqas ħafna il-piż tax-xogħol kif diġà intwera mill-awtoritajiet Taljani sabiex tittejjeb sew il-kwalità tad-*data* li tirriżulta.
- (3) Il-livell ta' l-ikkampjunar kif tidher f'din it-teknika proposta taqbeż il-limitu ta' 10 % bil-piż tal-prodotti tas-sajd previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91.
- (4) Skond l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91, f'każijiet fejn l-inklużjoni ta' settur partikolari tas-sajd ta' Stat Membru tikkawża diffikultajiet lill-awtoritajiet nazzjonali li mhumiex fi proporzjon ma' l-importanza ta' dak is-settur, il-Kummissjoni tista' tagħti deroga li tħalli dan l-Istat Membru li jeskludi d-*data* għal dak is-settur, mit-tressiq tad-*data* nazzjonali.
- (5) L-Italja għandha tiġi awtorizzata li tuża teknika ta' l-ikkampjunar biex tistma' iktar minn 10 % massimu bil-piż tal-prodotti tas-sajd imtella' l-art fuq kundizzjoni li l-istimi tal-piż totali tat-tluġh l-art li jirriżultaw huma ta' mill-anqas ta' l-istess standard fir-rigward ta' affidabilità.
- (6) Skond l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91, din id-deroga se tingħata għal perjodu massimu ta' tlett snin.

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika ta' l-Agrikoltura, stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 72/279/KEE⁽²⁾.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Italja hija awtorizzata li tuża teknika ta' l-ikkampjunar biex tistma' iktar minn 10 % massimu bil-piż tal-prodotti tas-sajd imtella' l-art fx-xahar ta' referenza previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1382/91.

Artikolu 2

L-awtorizzazzjoni tintemm fil-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmula fi Brussell, fl-14 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 133, tat-28.5.1991, p. 1: Ir-Regolament kif laħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 179, tas-7.8.1972, p. 1.